# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-73 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 29 ta' April 2015 fis-6.10 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Kunsillieri Skużati** | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**73/01 Talba**

**73/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.10 p.m. billi ntqalet it-talba. Il-Kunsilliera Alfred Muscat u Vincent A Galea u l-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġew skużati.

**73/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 72**

**73/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**73/03 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**73/03/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm ukoll li jitħallas l-ammont ta' €60 lill-Parroċċa San Bartilmew għall-*advert* fil-fuljett tal-Parroċċa.

**73/04 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* u *Managment Letter***

**73/04/01** Gew ipprezentati l-*Audited Financial Statements* ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2104 kif ukoll l-Audit Adjustments. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni li minkejja d-diversi xogholijiet u progetti li twettqu matul is-sena 2014 l-Kunsill kien ghalaq is-sena bi Profitt kif ukoll *b'Net Current Surplus.* Il-*Balance Sheet* tal-Kunsill kompliet tissahhah. Kemm il-*Financial Statements* kif ukoll l-*Audit Adjustments* gew approvati unanimament u s-Sindku u l-Agent S.E. gew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-*Financial Statements*. L-Agent S.E. informa li l-*Management Letter* iffirmata mill-Awdituri kien ghadha ma waslitx. Ser ikompli isegwi u f'laqgha ohra jipprezenta l-*Management Letter* kif ukoll ir-risposta tal-Kunsill.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt        Website : www.gharghur.gov.mt**


**73/05** **Materji Ohra**

**73/05/01** Il-Kunsill unanimament qabel li wara l-elezzjoni tal-Kunsill li saret fil-11 t'April 2015 il-firmatarji tal-Kunsill ikunu s-Sindku Giljan Aquilina u l-Agent S.E.  L-Agent S.E. ghandu jiehdu hsieb jaghmel l-arrangament mehtiega mal-banek.

**73/05/02** Il-Kunsill xtaq jesprimi r-ringrazzjament tiegħu lill-Kunsillieri Alfred Muscat u Vincent A Galea għas-servizz tagħhom lejn il-lokal fis-snin preċedenti kif ukoll lis-Sur Carmenu Muscat li ukoll ikkontesta l-ahhar elezzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill irringrazzja u wera l-apprezzament tieghu lis-Sur Mario Gauci li serva bħala s-Sindku ta' Ħal Għargħur għal dawn l-aħħar 21 sena.  Is-Sur Mario Gauci irringrazzja lill-Kunsill. Hu qal li dawn il-21 sena kienu opportunita' sabiha u ta' unur ghalih fejn seta iservi u jghati l-kontribut tieghu sabiex tissahhah l-infrastruttura tar-rahal kif ukoll sabiex jittiehdu diversi inizzjattivi li lkoll ghenu sabiex ir-residenti Gharghurin igawdu minn kwalita' ta' hajja ahjar. Hu weighed li ser ikompli jghati s-sehem tieghu bhala Vici Sindku.

**73/06** **Aggornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.50 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |